**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 408/2008**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Amanda Agius**
**(ID 519485M)**

Illum, 27 ta' Settembru 2019

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Amanda Agius**, ta' 23 sena, bint John u Anna nee\` Zammit, imwielda l-Pieta\` fl-20 ta' Ottubru 1985 u residenti fil-fond numru 64, Triq il-Kampanella, Fgura, detentriċi tal-karta tal-identita\` bin-numru 519485(M);

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Frar 2004, u matul l-aħħar erba' xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer, f'ħinijiet differenti:

1. Biegħet jew offriet li tbiegħ droga ristretta u psikotropika (*ecstasy*), kontenenti s-sustanza (*methlenedioxyamphetamine*) li hija kkontrolla u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-

Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellha ebda awtorizżazzjoni u permess bl-imsemmija liġi, sabiex tkun fil-pussess ta' l-imsemmija sustanza;

2. Ukoll fl-istess żmien, data u ċirkostanzi, kellha fil-pussess tagħha mediċina ristretta u psikotropika (*ecstasy*) meta ma kienitx awtorizżata kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat, u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2015, il-partijiet iddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi miġbura sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi għalkemm permezz ta' rikors tat-13 ta' April 2018, l-imputata talbet lil din il-Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2018, id-difiża ddikjarat illi kienet qegħda tirtira din it-talba u għaldaqstant, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Frar 2004, il-pulizija kienu waqqfu lill-imputata odjerna, fil-viċinanzi ta' dak iż-żmien id-diskoteka *Axis*, waqt li hija kienet fil-kumpanija ta' ċertu Tyrone Fenech, li dwaru l-pulizija kellha informazzjoni dwar allegat traffikar ta' droga.

Skont **l-Ispettur** (illum Supretendent) **Josric Mifsud**, fil-pussess ta' Fenech instabu żewġ boroż tal-plastik żgħar u s-somma ta' Lm150. L-imputata u Fenech ġew arrestati u t-tnejn irrilaxxjaw stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar l-10 ta' Frar 2004.[1] L-istqarrija ta' Fenech ġiet esebita bħala Dok. JM, fil-waqt illi l-istqarrija tal-imputata ġiet esebita bħala Dok. JM 1.[2]

Illi fl-atti ġiet esebita kopja ta' proċess verbal bin-numru 1024/2004 redatt mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Miriam Hayman dwar stqarrija ġuramentata ta' Tyrone Fenech fl-10 ta' Frar 2004.[3] Fid-dawl tal-fatt illi din il-kopja kif esebita ma kinitx kompluta u lanqas ċertifikata bħala vera kopja tal-oriġinali, kopja tal-istess proċess verbal reġgħet ġiet esebita mill-Prosekuzzjoni għat-tieni darba fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2017 u mmarkata bħala Dok. ODX.[4] Jirriżulta mill-istess proċess verbal illi l-imputata odjerna kkonfermat bil-ġurament tagħha l-istqarrija rilaxxjata minnha lill-Pulizija Eżekuttiva, quddiem il-Maġistrat Inkwirenti nhar it-12 ta' Frar 2004.

Illi fil-proċeduri odjerni xehdu **l-Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Attard**, li esebiet *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputata[5], **WPC 89 Mariella Spiteri** bħala xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputata[6] u **Dr. Martin Bajada**, li kkonferma r-relazzjoni tiegħu formanti parti mill-proċess verbal fuq imsemmi.[7]

Illi l-imputata **Amanda Agius** għażlet li tixhed f'dawn il-proċeduri. Hija tgħid illi meta kellha 17-il sena, hija kienet qegħda tirriskontra problemi familjari, li b'konsegwenza tagħhom kellha titlaq mid-dar. Fl-istess żmien, bdiet tagħmilha ma' kumpanija ħażina, bdiet tagħmel użu mill-*ecstasy* u ġieli pejjpet il-*cannabis* stante li kienet imdejjqa fis-sitwazzjoni familjari li kienet sabet ruħha fiha u bdiet relazzjoni ma' Tyrone Fenech. Tgħid ukoll illi dak li kienet stqarret mal-pulizija ma kienx minnu u fir-rigward tixhed testwalment hekk:

*"... jiena ghidt li ghint lil Tyrone ... jbiegh id-droga. Imma mhux veru, jiena ghidt hekk ghax f'hajti kont nieqsa minn certa mħabba. Dak iz-zmien kont inhobbu lil Tyrone u kont inhoss li jhobbni lura u bzajt li ha nitilfu u ghax hsibt li ser naghmillu pjacir, I mean forsi ma' nafx, forsi nifrankalu xi haga, ma nafx, mohhi hekk haseb*

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud, a fol. 5 sa 8 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 9 sa 13 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 19 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 92 tal-proċess.
[5] Dan jinsab esebit a fol. 22 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 72 u 73 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 74 u 75 tal-proċess.

*dak il-hin, ma' kontx naf f'liema ammont ta' nkwiet kont ser indahhal lil nnifsi u ghidt li ghentu. Imma mhux il-verita."*[8]

Mistoqsija espressament dwar dan, l-imputata nnegat illi hija qatt biegħet jew għenet biex tinbiegħ id-droga. L-imputat tgħid ukoll illi bis-saħħa ta' dan l-episodju, hija fetħet għajnejha, waqqfet ir-relazzjoni tagħha ma' Fenech, reġgħet bdiet taħdem, għamlet ħbieb ġodda u ma baqgħetx tagħmel użu mid-droga. Illum il-ġurnata hija miżżewġa, għandha wild u taħdem mal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali.

Xehdet ukoll **Anna Agius**, omm l-imputata, li tispjega t-tfulija diffiċli li kellha bintha minħabba l-vjolenza li kien jeżerċita l-missier fuqha u fuq il-membri kollha tal-familja, x'wassal sabiex bintha titlaq mid-dar u biex tibda tagħmilha ma' kumpanija ħażina, u kif meta seħħ il-każ odjern, l-imputata nbidlet, sabet xogħol u għamlet ħbieb ġodda.[9]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-imputazzjoni (a), l-imputata qed tiġi akkużata bit-traffikar tal-mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy*, fil-waqt illi permezz tal-imputazzjoni (b), hija qed tiġi akkużata bil-pussess 'sempliċi' tal-istess.

Illi l-ewwel kunsiderazzjoni li sejra tagħmel din il-Qorti hija dwar il-valur probatorju tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata odjerna lill-Pulizija Eżekuttiva nhar l-10 ta' Frar 2004, liema stqarrija ġiet ikkonfermatha minnha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fit-12 ta' Frar 2004. Tali stqarrija ġiet meħudha lill-imputata mingħajr il-jedd li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha u mingħajr il-jedd li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fil-fatt l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Irid jingħad illi dwar dan, fil-mori tal-proċeduri, permezz ta' rikors tal-11 ta' Ġunju 2009, l-imputata talbet lill-Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni tagħmel referenza Kostituzzjonali u dan sabiex jiġi determinat jekk in-nuqqas tad-dritt tal-preżenza ta' avukat waqt l-interrogatorju huwiex leżiv tad-

[8] A fol. 113 tal-proċess. Ix-xhieda tal-imputata tinsab a fol. 107 sa 122 tal-proċess.
[9] Ara din ix-xhieda a fol. 130 sa 133 tal-proċess.

drittijiet tagħha, kif sanċiti kemm fil-Kostituzzjoni, kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi sussegwentement, permezz ta' digriet tal-1 ta' Diċembru 2009, il-Qorti laqgħet it-talba tal-imputata u rreferiet il-lanjanza sollevata minnha lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali).[10]

Illi mill-atti jirriżulta illi l-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet il-kwistjoni sollevata mid-difiża bis-sentenza tagħha tat-22 ta' Frar 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josrick Mifsud) v. Amanda Agius**, li permezz tagħha kkonkludiet hekk:

"*27. Għal din ir-raġuni din il-qorti, għalkemm taqbel mal-Ewwel Qorti illi l-ewwel stqarrija mogħtija quddiem il-pulizija fl-10 ta' Frar 2004, minħabba l-vulnerabilita` ta' Amanda Agius meta tqis l-eta` tagħha, ma ngħatatx f'ċirkostanzi li jiggarantixxu l-leġittimita` ta' dik l-istqarrija, u għalhekk l-użu tal-istqarrija jkun bi ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni, ma taqbilx illi l-istess jista' jingħad dwar l-istqarrija maħlufa quddiem maġistrat taħt l-art. 24A(12) tal-Kap. 101 fit-12 ta' Frar 2004.*

*28. Dan l-aggravju għalhekk, safejn jolqot l-istqarrija maħlufa quddiem maġistrat fit-12 ta' Frar 2004, għandu jintlaqa'.*

*29. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mil-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn qalet illi ma għandux isir użu fi proċeduri ġudizzjarji tal-istqarrija magħmula minn Amanda Agius quddiem il-pulizija fl-10 ta' Frar 2004, għax dak l-użu jkun bi ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni, u tħassarha fejn qalet illi l-istqarrija maħlufa minn Amanda Agius quddiem maġistrat fit-12 ta' Frar 2004 ittieħdet bi ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni u ma għandux isir użu minnha fi proċeduri ġudizzjarji: tgħid minflok illi ma kien hemm ebda ksur ta' drittijiet fondamentali bit-teħid tal-istqarrija maħlufa tat-12 ta' Frar 2004, u li għalhekk jista' jsir użu minn dik l-istqarrija fi proċeduri ġudizzjarji.*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Illi għalhekk skont is-sentenza appena ċitata, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata lill-Pulizija Eżekuttiva nhar l-10 ta' Frar 2004 m'għandhiex tintuża f'dawn il-proċeduri. Mhux l-istess madankollu ġie deċiż minn dik il-Qorti dwar l-istess stqarrija kif maħlufa mill-imputata fit-12 ta' Frar 2004 u dan wara li kkunsidrat illi "*Il-preżenza ta' maġistrat, uffiċjal ġudizzjarju indipendenti mill-pulizija, hija garanzija biżżejjed*

---

[10] Dan id-digriet jinsab esebit a fol. 29 u 30 tal-proċess.

*illi l-istqarrija tingħata b'għażla ħielsa, volontarjament, u ma tiġix imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi*".

Dwar dan, il-Qorti tqis illi minn dakinhar li ngħatat din is-sentenza, fit-12 ta' Jannar 2016 ingħatat is-sentenza **Mario Borg v Malta** mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'konsegwenza ta' liema saru żviluppi ġurisprudenzjali, inkluż mill-Qorti Kostituzzjonali, li marru lil hinn minn dak deċiż fl-istess sentenza u kien hemm tibdil sostanzjali fil-ħsieb dwar il-validita` ta' stqarrija mogħtija minn suspettat jew arrestat mingħajr aċċess għal avukat fl-istadju tal-investigazzjoni.

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*."

Din kienet ukoll il-kwistjoni deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Mejju 2017 fir-referenza Kostituzzjonali li saret lilha minn din il-Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi**. F'dak il-każ, konness ma' dak odjern, Azzopardi kienet irrilaxxjat stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fi Frar 2004, fiż-żmien għalhekk meta hija ma kellhiex jedd fil-liġi illi tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, u ftit tal-ħin wara, hija dehret quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, fejn mhux biss ikkonfermat din l-istqarrija, iżda kompliet tixhed b'mod dettaljat, kif fil-fatt seħħ ukoll fil-każ odjern. Għal darb'oħra, Azzopardi ma ngħatatx id-dritt li tikkonsulta ma' avukat għaliex kif ingħad, din ma kellhiex dan il-jedd fiż-żmien in kwistjoni. F'din is-sentenza, il-Qorti għamlet referenza *inter alia* għas-sentenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ **A.T. v Luxembourg** tad-9 ta' April 2015, f'liema każ ir-rikorrenti kien ġie interrogat mill-pulizija mingħajr l-assistenza ta' avukat, minkejja li talab tali assistenza u l-għada ġie interrogat mill-ġdid minn Imħallef Investigattiv, ingħata d-dritt li jkun assistit minn avukat u effettivament ġie assenjat avukat u sussegwentement ġie interrogat fil-presenza tiegħu, iżda r-rikorrenti lmenta illi ma ngħatax il-possibilita` li jikkomunika mal-avukat qabel u waqt dan l-interrogatorju u illi s-sempliċi presenza tal-avukat, meta dan seta' biss jibqa' sieket, ma kinitx tikkostitwixxi assistenza reali u effettiva.

Dwar il-prinċipji ta' dritt applikabbli f'dak il-każ, dik il-Qorti sostniet hekk:

*“62. The Court reiterates that although the primary purpose of Article 6, as far as criminal proceedings are concerned, is to ensure a fair trial before a “tribunal” competent to determine “any criminal charge”, it may also be relevant before a case is sent for trial if and in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions (see Salduz, cited above, § 50, and Panovits v. Cyprus, no. [4268/04](), § 64, 11 December 2008). Furthermore, the right set out in paragraph 3 (c) of Article 6 is one element, amongst others, of the concept of a fair trial in criminal proceedings contained in paragraph 1 (see Imbrioscia v. Switzerland, 24 November 1993, § 37, Series A no. 275, and Brennan v. the United Kingdom, no. [39846/98](), § 45, ECHR 2001-X).*

*63. The right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer is one of the fundamental features of a fair trial (see Krombach v. France, no. [29731/96](), § 89, ECHR 2001-II). In order for the right to a fair trial to remain sufficiently “practical and effective”, Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of the case that there are compelling reasons to restrict that right. The Court specifies that even in such cases, denial of access to a lawyer must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6, and that the rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55). The Court found a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) notwithstanding that the applicant had subsequently benefited from legal assistance and adversarial proceedings, having noted, in particular, that the restriction in question on the right to a lawyer had been based on the systematic application of legal provisions (see Salduz, cited above, §§ 56 and 61).*

*64. The fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or otherwise remanded in custody, whether interrogations take place or not. The Court emphasises in that respect that the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance, pointing out that discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention were fundamental aspects of the defence which the lawyer must be able to exercise freely (see Dayanan, cited above, §§ 31-33). Moreover, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at the investigation stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact*

*that legislation on criminal procedure tends to become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself (see Pavlenko v. Russia, no. 42371/02, § 101, 1 April 2010).*

*65. The Court has had occasion to reiterate that, first of all, a person "charged with a criminal offence" within the meaning of Article 6 of the Convention is entitled to receive legal assistance from the time he or she is taken into police custody or otherwise remanded in custody and, as the case may be, during questioning by police or by an investigating judge; secondly, while a restriction of this right may in certain circumstances be justified and be compatible with the requirements of that Article, any such restriction that is imposed by a systemic rule of domestic law is inconsistent with the right to a fair trial (see Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, § 31, 28 August 2012, and Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, § 80, 24 October 2013)."*

F'dak il-każ, dwar il-fatt illi r-rikorrenti ġie mċaħħad mid-dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu mill-pulizija, il-Qorti nnutat li fiż-żmien in kwistjoni, il-liġi viġenti kienet tipprekludih minn tali assistenza. Għalkemm huwa nnega l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u m'għamel l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dan l-istadju, biss il-Qorti enfasizzat li l-istadju investigattiv ta' proċeduri kriminali hija ta' importanza kruċjali stante li l-provi li jinġabru f'dan l-istadju jiddeterminaw il-qafas li fih tiġi kkunsidrata l-akkuża li talvolta imputat jew akkużat jiġi mixli biha. Il-Qorti tal-Appell li ġġudikat u kkonfermat il-ħtija tar-rikorrenti f'dak il-każ, kienet espressament irreferiet għall-istqarrijiet li kien irrilaxxja r-rikorrenti waqt l-interrogatorju tiegħu mill-pulizija u sabet li ma kienx konsistenti fihom. Għalhekk, qalet il-Qorti, ċertament illi ma jistax jinghad illi dawn ma kellhom l-ebda influwenza fuq id-deċizjoni finali. Fid-dawl ta' dan kollu, għaddiet biex issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni, flimkien mal-Artikolu 6(1) u dan "*on the grounds that the applicant did not benefit from the assistance of a defence lawyer during his police hearing and that the courts failed to provide redress for the consequences of such lack of assistance*."

Dwar l-ilment tar-rikorrenti li huwa ma ngħatax il-possibilita` li jikkomunika mal-avukat assenjat lilu qabel l-interrogatorju tiegħu mill-Imhallef Investigattiv, il-Qorti wkoll sabet ksur tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u dan wara li osservat is-segwenti:

*"86. The Court notes the importance of consultations between the lawyer and his client upstream of the first interrogation by the investigating judge. This is an opportunity for holding crucial exchanges, if only for the lawyer to remind his client of his relevant rights. That is especially true where, as in the present case, the applicant was questioned by the police the day before without counsel and a lawyer has just been officially appointed on the morning of the interrogation by the investigating judge.*

*87. The lawyer must be able to provide effective and practical assistance, not just abstract backing via his presence, during the first interrogation by the investigating judge. Accordingly, the consultation between the lawyer and his client upstream of the interrogation must be unequivocally enshrined in legislation. However, that is not the case in Luxembourg. Article 84 of the Code of Criminal Procedure does not provide that accused persons can consult their lawyers before the first interrogation by the investigating judge, as in fact recommended by Article 3 of Directive 2013/48/EU ... On the contrary, the actual wording of the provision in question gives the impression that no communication is possible before the first interrogation. Such a legislative position might suggest to accused persons that there is no point in demanding discussions with their lawyer before the first interrogation."*

Il-Qorti għalhekk tinnota illi skont din id-deċizjoni, minkejja li r-rikorrenti ġie assenjat avukat qabel it-tieni interrogatorju tiegħu, din id-darba minn Imhallef Investigattiv, la darba huwa ma ngħatax l-opportunita` li jikkomunika mal-istess qabel tali interrogatorju, tali assistenza ma kinitx wahda effettiva, bir-riżultat li ġie ddikjarat illi d-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq kien ġie leż.

Fis-sentenza tagħha **<u>Il-Pulizija vs Josianne Azzopardi</u>**, fuq indikata, il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi oħrajn tal-Qorti Ewropea, fosthom **<u>Mario Borg v Malta</u>** (12 ta' Jannar 2016), fejn dik il-Qorti osservat *inter alia* illi "*<u>no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent</u> (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law…*" [sottolinear ta' din il-Qorti] u illi l-fatt illi r-rikorrenti ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali fl-istadji inizjali qabel il-proceduri (*pre-trial stage*) bħala riżultat ta' restrizzjoni sistematika applikabbli għall-persuni akkużati kollha m'huwiex konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Dik il-Qorti għamlet referenza wkoll għal sentenza oħra tal-istess Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>Raymond Bonnici vs Avukat Generali</u>** deċiża fid-29 ta' Marzu 2017, fejn ingħad hekk:

"*1. Huwa ormai inkontestabbli li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprotegu d-dritt ta' persuna suspettata li titlob l-assistenza ta' avukat sa mill-ewwel interrogatorju li jsirilha mill-pulizija, ghajr ghal cirkustanzi mpellenti li jippermettu r-restrizzjoni ta' dan id-dritt;*

*2. Fi kwalunkwe kaz, kull restrizzjoni ghal dan id-dritt m'ghandhiex tippregudika rrimedjabilment id-drittijiet tal-akkuzat taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;*

*3. It-thaddim ta' dawn il-principji huwa partikolarment necessarju f'kazijiet fejn persuna tkun iffacjata b'akkuzi serji ghaliex huwa fl-isfond tal-pieni l-aktar iebsa li r-rispett tal-Istat lejn id-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jkun garantit sal-oghla grad f'socjeta` demokratika;*

*4. Id-dritt tal-akkuzat jigi pregudikat b'mod irrimedjabbli meta huwa jirrilaxxja stqarrijiet minghajr assistenza legali, anke jekk b'mod volontarju u wara li nghata s-solita twissija mill-Pulizija, liema stqarrijiet jintuzaw kontrih fil-proceduri kriminali li jinfethu kontra tieghu;*

*5. Inoltre, ghalkemm <u>ic-cahda ta' dan id-dritt hija wahedha leziva rrispettivament mill-vulnerabilita' o meno tal-persuna ndagata</u>, jekk jigi muri li fl-istadju tal-interrogazzjoni l-persuna nvestigata tkun fi stat fragli, dan ukoll ikollu mpatt negattiv fuq id-dritt ghas-smiegh xieraq ta' dik il-persuna fil-proceduri li jkunu tmexxew kontriha.*

*Stabbilit dawn il-principji din il-Qorti però ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni gurisprudenza aktar ricenti li fil-fehma taghha sahhet dak minnha enfasizzat fid-decizjonijiet surriferiti, cioè <u>kemm kienet incisiva u determinanti l-istqarrija mehuda qabel l-emendi msemmija tas-sena 2010, allura bla dritt ta' assistenza legali senjatament waqt l-interrogazzjoni, fil-process kriminali innifsu u l-aktar il-piz moghti lilha mill-Qorti fid-decizjoni taghha, jekk instabet htija</u>. Dan ghaliex ebda stqarrija hekk mehuda ma tista tigi apprezzata jekk mhux fid-dawl tal-proceduri kriminali fl-intier taghhom u b'mod partikolari l-impatt taghha fuq il-gudizzju finali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Fis-sentenza tagħha **<u>Il-Pulizija vs Josianne Azzopardi</u>**, il-Qorti kompliet hekk:

"*Din il-Qorti taqbel perfettament mal-insenjament tal-Qrati fid-deċiżjonijiet ċitati. L-Avukat Ġenerali ma ġab l-ebda ġustifikazzjoni għaliex kien hemm restrizzjoni għall-aċċess tar-rikorrenti għall-avukat ħlief li l-liġi kif kienet ma kinitx tipprovdi għal tali dritt favur persuna arrestata. B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, <u>il-Qorti ssib illi minkejja li d-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq ma ġiex leż f'dan l-istadju, ċertament illi sseħħ leżjoni f'każ illi l-istqarrija li tat lill-pulizija fit-13 ta' Frar 2004 u dik li għamlet aktar tard dak inhar quddiem il-Maġistrat Inkwerenti jibqgħu jagħmlu parti mill-proċeduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti referenti</u>. Il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ukoll illi r-rikorrenti kellha biss tmintax-il sena meta seħħ dan l-episodju u kienet l-ewwel darba li ġiet arrestata u tressqet il-Qorti, fejn mhux biss ikkonfermat l-istqarrija tagħha kif kienet minghaliha li ser tagħmel, iżda effettivament irrilaxxat stqarrija oħra pjuttost dettaljata u dan kollu mingħajr ma kienet ingħatat xi forma ta' assistenza legali, bir-riżultat illi, kif jikkonferma wkoll l-Ispettur Josric Mifsud, hija kienet aġitata waqt li kienet qiegħda tirrilaxxa l-istqarrija tagħha.*" [sottolinear tal-Qorti]

Jirriżulta għalhekk illi a bażi tas-sentenzi minnha ċitati, fil-każ **<u>Il-Pulizija vs Josianne Azzopardi</u>**, il-Qorti qieset bl-istess mod l-istqarrija li giet rilaxxjata mir-rikorrenti lill-Pulizija Eżekuttiva u x-xhieda tagħha mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u dan stante li fiż-żewġ każijiet, ma kinitx ingħatat id-dritt għall-assistenza legali. Qieset ukoll in oltre il-vulnerabilita` tal-persuna interrogata ossia li kienet ta' eta` tenera u li din kienet l-ewwel darba li kienet ġiet arrestata u mressqa quddiem il-Qorti.

In linea ma' dawn il-prinċipji hija wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>** tal-20 ta' Novembru 2018, f'liema każ l-appellanti fil-waqt li rrifjutat li teżerċita l-jedd li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju stante illi dan id-dritt ma kienx viġenti fil-liġi Maltija. F'dak il-każ, wara li għamlet referenza għad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar *inter alia* id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali, liema Direttiva ġiet trasposta fil-liġi Maltija permezz tal-Att Nru LI tal-2016 u għall-ġurisprudenza kemm lokali, kif ukoll tal-Qorti Ewropea, dik il-Qorti wkoll ddeċidiet illi tiskarta ż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mill-appellanti, waħda minnhom, bħal fil-każ odjern, maħlufa quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja

l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Emad Masoud**</u> tas-16 ta' Mejju 2019 u iżjed riċentement fis-sentenza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Sandro Spiteri**</u> tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, l-imputat la ngħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u wisq inqas il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu la darba kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk:

"*(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.*"

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni

ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto,* jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**Beuze v. Belgium** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

"*20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.*

21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.

...

23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.

24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.

25. Barra minn hekk, l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.

26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...

27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.

28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u

*biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101].*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fil-każ li għandha l-Qorti quddiemha llum, il-Prosekuzzjoni qed tistrieħ kompletament fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata u maħlufa minnha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti nhar it-12 ta' Frar 2004, mingħajr il-jedd li tottjeni parir legali qabel ix-xhieda tagħha u li tkun assistita waqt tali xhieda. Huwa evidenti illi jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istess xhieda, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza kif evolviet. Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-każ ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkużat għal smiegħ xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni tagħha tal-*overall fairness of the proceedings* straħet ħafna fuq il-fatt illi l-akkużat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u/jew waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tiegħu għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward ta' akkuża partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ ta' Paul Anthony Caruana, imbagħad, fil-waqt illi ma sabitx ksur tad-dritt tal-attur għal smiegħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, iżda a bażi tal-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-persuna akkużata. Fil-każ odjern, l-imputata, dak iż-żmien tfajla ta' tmintax-il sena, għamlet dikjarazzjonijiet inkriminanti fl-istqarrija minnha rilaxxjata u sussegwentement maħlufa quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, tant illi hija ġiet mixlija bir-reati odjerni unikament u esklussivament fid-dawl ta' dak li hija stqarret.

Hawnhekk il-Qorti tqis ukoll illi mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea huwa evidenti li m'huwiex biżżejjed li jiġi assigurat li s-suspettat jew l-arrestat ikun ġie mwissi li għandu d-dritt għas-silenzju, iżda għandu jingħata wkoll id-dritt għall-assistenza legali sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni tal-pulizija. Il-Qorti Ewropea ma jidhirx li tagħmel distinzjoni bejn stqarrija rilaxxjata lill-pulizija u stqarrija ġuramentata quddiem awtorita` ġudizzjarja, minkejja li din tal-aħħar hija indipendenti mill-Pulizija Eżekuttiva. La darba dan id-dritt għandu jingħata meta persuna arrestata tagħmel stqarrija lill-pulizija, anzi mill-fażijiet inizzjali tal-investigazzjoni, l-istess għandu japplika fir-rigward ta' stqarrija ġuramentata quddiem awtorita` ġudizzjarja, f'dan il-każ il-Maġistrat Inkwirenti, b'mod partikolari meta wieħed iqis illi stqarrija ġuramentata, min-natura tagħha u proprju

għaliex hija ġuramentata, għandha iżjed saħħa u valur probatorju minn stqarrija rilaxxjata lill-pulizija. F'dan il-każ, il-Maġistrat Inkwirenti wissiet lill-imputata bid-drittijiet tagħha kif viġenti fiż-żmien tal-każ, ossia bid-dritt tagħha għas-silenzju, iżda oltre minn hekk, il-Maġistrat Inkwirenti ma kinitx f'posizzjoni li tagħti lill-imputata d-dritt għall-assistenza legali la darba dan ma kienx possibbli taħt il-liġi Maltija. Minkejja l-indipendenza tal-Maġistrat Inkwirenti, dan tal-aħħar m'għandux il-funzjoni ta' avukat difensur, ma jaġixxix ta' sostitut tiegħu u ċertament li m'huwiex tenut u m'għandux jagħti pariri lill-persuna suspettata jew arrestata li tidher quddiemu biex taħlef l-istqarrija tagħha jew sabiex tixhed. F'dawn iċ-ċirkostanzi, in linea mal-ġurisprudenza kif evolviet, il-Qorti jidhrilha illi għandha tqis l-istqarrija maħlufa mill-imputata quddiem il-Maġistrat Inkwirenti bħala nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju, kif għandha tagħmel ukoll fir-rigward tax-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur in kwantu din tirreferi għal tali stqarrija.

Illi jiġi relevat illi f'dan is-sens, il-Qorti hawnhekk qegħda ssegwi dak li għamlet qabilha l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Geoffrey Galea** tal-10 ta' Settembru 2018, meta marret lil hinn minn dak preċedentement u speċifikatament deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward tal-appellant u segwiet insenjament iżjed riċenti tal-qrati tagħna.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi madankollu, il-Qorti tqis ukoll illi anke jekk għall-grazzja tal-argument biss, fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fil-konfront tal-imputata odjerna, din il-Qorti kellha tieħu konjizzjoni tal-istqarrija minnha maħlufa quddiem il-Maġistrat Inkwirenti bħala prova ammissibbli, tasal xorta għall-konklużjoni illi l-ewwel imputazzjoni ta' traffikar ta' mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy* ma tirriżultax fil-grad rikjest mil-liġi. Effettivament, dak li wassal sabiex l-imputata tiġi mixlija b'din l-imputazzjoni kienet id-dikjarazzjoni tagħha fl-istess stqarrija maħlufa illi "*Il-bierah ghint lil Tyron ibiegh l-extacy*". Tgħid ukoll illi b'kollox biegħet għaxar pilloli bil-prezz ta' Lm5 il-waħda, li dawn kienu '*Euros*' u kien tahomlha Tyrone. Madankollu, fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, l-imputata tinnega dan kollu u tgħid hekk:

"*... jiena ghidt li ghint lil Tyrone ... jbiegh id-droga. Imma mhux veru, jiena ghidt hekk ghax f'hajti kont nieqsa minn certa mħabba. Dak iz-zmien kont inhobbu lil Tyrone u kont inhoss li jhobbni lura u bzajt li ha nitilfu u ghax hsibt li ser naghmillu pjacir, I mean forsi ma' nafx, forsi nifrankalu xi haga, ma nafx, mohhi hekk haseb dak il-hin, ma' kontx naf f'liema ammont ta' nkwiet kont ser indahhal lil nnifsi u ghidt li ghentu. Imma mhux il-verita.*"

Dwar dan il-Qorti tqis fl-ewwel lok illi jirriżulta ċar mis-*Social Inquiry Report* li ġie redatt fil-konfront tagħha, illi fiż-żmien in kwistjoni l-imputata kienet għaddejja minn żmien diffiċli f'ħajjitha, kif jixhdu wkoll kemm hi, kif ukoll ommha fix-xhieda rispettiva tagħhom. Għalhekk dak li tgħid l-imputata f'din il-parti tax-xhieda tagħha fis-sens illi f'ħajjitha kienet nieqsa minn ċerta mħabba u li hija beżgħet li ser titlef lill-persuna li dak iż-żmien kienet tħobb ossia lil Fenech, ma jistax jingħad illi huwa inverosimili. Fit-tieni lok, il-Qorti tinnota wkoll illi l-imputata għamlet id-dikjarazzjoni inkriminanti tagħha fl-istqarrija f'daqqa waħda u dan wara li l-Uffiċjal Investigatur diġa` kien wasal sabiex jagħlaq l-interrogatorju tagħha, meta sa dak il-ħin huwa kien staqsiha biss dwar l-użu li hija kienet tagħmel mid-droga. Ma kien sar l-ebda aċċenn minnu dwar traffikar jew bejgħ ta' droga da parti tagħha. Fil-fatt hija qalet li għenet lil Fenech fil-bejgħ tal-*ecstasy* wara d-domanda tal-Uffiċjal Investigatur "*Tixtieq tghid xi haga ohra ma dak li ghidt qabel?*". Il-Qorti tqis illi f'dan il-kuntest, ix-xhieda tal-imputata fis-sens illi ħasbet li ser tiffranka xi ħaġa lil Fenech mhux inverosimili, speċjalment meta wieħed iqis li hawn si tratta ta' tfajla ta' tmintax-il sena, li kienet qed tiffaċjal l-ewwel arrest tagħha, u ċ-ċirkostanzi li kienet għaddejja minnhom dak iż-żmien f'ħajjitha.

Irid jingħad ukoll illi bħala parti mill-proċess verbal esebit fl-atti, fuq imsemmi, apparti l-istqarrija maħlufa tal-imputata, ġew esebiti stqarrijiet maħlufa u xhieda ta' terzi persuni quddiem il-Maġistrat Inkwirenti matul l-istess investigazzjoni. Madankollu, minn qari tal-istess xhieda, ma jirriżulta l-ebda aċċenn għall-imputata odjerna li jista' b'xi mod isostni r-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tagħha.

Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis għalhekk illi l-imputazzjoni (a) ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

Illi permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, imbagħad, l-imputata qed tiġi akkużata wkoll bir-reat ta' pussess 'sempliċi' ta' mediċina psikotropika u ristretta. Huwa evidenti mix-xhieda tal-istess imputata f'dawn il-proċeduri illi hija kienet tagħmel użu mill-*ecstasy* fiż-żmien tal-każ odjern u għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Illi għal fini ta' piena dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti qed tqis il-fedina penali tal-imputata li kienet u baqgħet waħda netta.

Tqis ukoll in-natura tal-imputazzjoni li tagħha hija qed tinstab ħatja, kif ukoll il-bidla li għamlet f'ħajjitha miż-żmien tal-każ odjern sal-lum. Jirriżulta ċar illi l-imputata għamlet żmien qasir f'din il-ħajja u li hekk kif seħħ il-każ, hija nqatgħet mill-kumpanija li kienet tagħmilha magħha, sabet impjieg u ma baqgħetx tagħmel użu mid-droga.

Tqis ukoll illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2004 u illi d-dewmien kien dovut għal raġunijiet imputabbli liż-żewġ partijiet, iżda fil-maġġor parti tiegħu lill-Prosekuzzjoni.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, qed issib lill-imputata mhux ħatja tal-imputazzjoni (a) miġjuba kontra tagħha u qegħda tilliberaha minnha, fil-waqt illi qed issibha ħatja tal-imputazzjoni (b), iżda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien disa' (9) xhur mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħatja bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba tikkommetti reat ieħor fil-perjodu tal-liberazzjoni kundizzjonata.

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti, stante illi ma ġewx maħtura esperti fil-mori tal-proċeduri.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat